**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi B.A. LL.D**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Joshua Gatt**

**Illum, 22 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li il-Pulizija ippreżentat taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja lil Joshua Gatt, ta' ħamsa u tletin (35) sena, iben Beningo Gatt u Maria nee' Caruana, imwieled Pieta nhar l-għaxra (10) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u disa' u tmenin (1989), u residenti fil-fond bl-indirizz 12, Trejqa Vincent Battistino, Ħal Tarxien, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0096589M fejn f'isem ir-Repubblika ta' Malta ġie akkużat:

*"f'xi ħin bejn nofsillejl (00:00an) u t-tlieta (03:00am) ta' filgħodu tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Awwissu tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin*

*(2024) ġewwa Triq San Gwann li tinsab ġewwa Bormla u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:*

1. *Volontarjament ta n-nar lil bini, vettura, għarix jew lok ieħor imsemmi fl-Artikolu 316, iżda meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm ġewwa, u dan il-bini, vettura, għarix jew lok ieħor, kien b'tali mod li ma setgħax iqabbad ħruq f'bini ieħor, għarix, jew lok ieħor, u dan sar a detriment ta' Leanne Barbara u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-artikolui 318 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara kienet iżjed minn elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) u dan sar a detriment ta' Emanuel Mifsud, Leanne Barbara u Glauber Spiteri u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-artikolui 325(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;"*
3. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi haġa u dan sar għad-detriment ta' Emanuel Mifsud u Glauber Spiteri u/jew persuni oħra u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikolu 328(d) tal-Kap 9 tal-L1g1J1et ta Malta;*
4. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band oħra f dan il-Kodiċi, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
5. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat, jew b'mod ieħor u dan bi ksur tal-Artikolu 338(m) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*
6. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, rema', tefa', ħalla, jew xort oħra qattar jew iddepożita xi żibel f'xi post pubbliku, triq, baħar, jew spazju fil-miftuħ li għalih il-pubbliku ghadu aċċess mingħajr ma kien awtorizzat b' liġi u dan bi ksur tar- Regolamenti 4 u 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40;*

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Emanuel Mifsud, Leanne Barbara u Glauber Spiteri u l-familjari tagħhom billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Rat li l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat li waqt is-seduta ta' nhar it-12 ta' Settembru 2024 l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi bil-ġurament.

Rat li waqt is-seduta ta' nhar l-24 ta' Settembru 2024, l-imputat minn jeddu għażel li jammetti għal akkużi u wara li l-Qorti ai termini tal-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali tat-tweġiba tiegħu, spjegatlu ukoll il-portata tal-ammissjoni u sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi, u li l-Qorti ssospendiet il-proċeduri sabiex tagħti żmien lill-akkużat jerġa jikkonsulta mal-avukat tiegħu bil-għan li jerġa' jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu, meta reġgħet issejħet il-kawża l-akkużat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat li stante l-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti ikkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess akkużat, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena ħadet tal-ammissjoni nkondizzjonata tal-ħati fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tiegħu.

**Konklużjoni**

Fuq ammissjoni tal-istess akkużat, Joshua Gatt, wara li rat l-artikoli 17, 318, 325(1)(a), 328(d), 338(dd), u 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 4 u 10(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40 l-Qorti tiddikjara li qed issi lill-imputat Joshua Gatt, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0096589M ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' erba u għoxrin (24) xahar priġunerija iżda, bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza m' għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, kif ukoll l-ammenda ta' mija u ħamsin ewro (€150).

Bis-saħħa ta` l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Qorti qed tordna lill-ħati sabiex iħallas bħala kumpens id-danni kollha kkawżati fuq:

1. il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni KAC 669, proprjetà ta’ Emanuel Mifsud u/jew persuna jew persuni oħra, u spejjes relatati fl-ammont ta erba’ mija ħamsa u erbgħin ewro (€445); u
2. il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni BOC 152, proprjetà ta’ Glauber Spiteri u/jew persuna jew persuni oħra, u spejjes relatati fl-ammont ta’ elf u ħames mitt ewro (€1,500);

u dana fi żmien għoxrin (22) xahar mid-data ta` din is-sentenza;

Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi skond l-Artikolu 28A(4) u l-Artikolu 28H(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A u 28H tal-istess Kapitolu 9;

Il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta qed toħroġ ukoll Ordni ta’ Trattament għal perjodu ta’ tlett (3) snin mil-lum kontra l-ħati skont id-digriet li ngħata kontestwalment ma din is-sentenza u li għandu jifforma parti integrali minnha u li qiegħed jiġi anness magħha, fil-konfront tal-ħati sabiex isegwi dawk id-direzzjonijiet u/jew programm/i addattat ieħor skont id-direzzjoni tal-Probation Officer li ser jiġi maħtur ai termini tal-artikolu ċitat.

Il-Qorti, bis-saħħa tad-dispost ta` l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tordna lill-ħati jħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali l-ispejjeż kollha konnessi mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri odjerni, inklużi dawk tal-esperti li setgħu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta relatata ma’ dawn il-proċeduri, hekk kif stabbiliti u/jew ikkonfermati mil-istess Reġistratur.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza u tad-Digrieti mogħtija kontestwalment lill-Kummissarju tal-Pulizija għal fini tal-Ordni ta' Trattament, lid-Direttur tal-Probation and Parole, kif ukoll lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex isseħħ l-eżekuzzjoni tal-Ordni skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti finalment tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mid-data tas-sentenza l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

< Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------